

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 207/2015

tal-25 ta' Settembru 2015

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2017/514]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1322/2014 tad-19 ta' Settembru 2014 li jissupplementa u jemenda r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-bini tal-vetturi u tar-rekwiżiti ġenerali għall-approvazzjoni tal-vetturi li jintużaw għall-agrikoltura u għall-forestrija ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu II tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiżdied mal-punt 40 (ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):
“, kif emendat minn:
— **32014 R 1322**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1322/2014 tad-19 ta' Settembru 2014 (ĠU L 364, 18.12.2014, p. 1).”
2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 40 (ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):
“40a. **32014 R 1322**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1322/2014 tad-19 ta' Settembru 2014 li jissupplementa u jemenda r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-bini tal-vetturi u tar-rekwiżiti ġenerali għall-approvazzjoni tal-vetturi li jintużaw għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 364, 18.12.2014, p. 1).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1322/2014 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-26 ta' Settembru 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew dakinhar tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 9/2015 tal-25 ta' Frar 2015 ⁽²⁾, skont liema data tkun l-iżjed tard.

⁽¹⁾ ĠU L 364, 18.12.2014, p. 1.

^(*) Rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

⁽²⁾ Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjal tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Ingrid SCHULERUD
